DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 109/2009

tat-22 ta' Ottubru 2009

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew ([2]), ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew ([4]), u Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru ([5]) ġew inkorporati fil-Ftehim b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 67/2006 tat-2 ta' Ġunju 2006 ([6]), b'addattamenti speċifiċi għal kull pajjiż,

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 668/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 li jemenda mit-II sal-V Anness tar-Regolament (KE) Nru 2096/2005 li jistipula rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, fir-rigward ta' metodi ta' ħidma u proċeduri tal-operat ([7]) ġie inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66x (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2096/2005) tal-Anness XIII għall-Ftehim:

'— **32008 R 0668**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 668/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 (ĠU L 188, 16.7.2008, p. 5).'

Artikolu 2

It-testi għar-Regolament (KE) Nru 668/2008 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-23 ta' Ottubru 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 304, 19.11.2009, p. 16.
([2]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 96, 9.4.2008, p. 10.
([4]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20.
([5]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
([6]) ĠU L 245, 7.9.2006, p. 18.
([7]) ĠU L 188, 16.7.2008, p. 5.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES